TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G 8 /12 (JE).

Louise Camilleri

vs

Eleonora Fae Cauchi.

Illum, 24 ta' Mejju 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Louise Camilleri tad-9 ta' Lulju 2012 fejn stqarret illi bintha Shelley Camilleri kienet inkitbet fl-iskola taż-żfin tal-konvenuta u wara li għaddiet mill-eżami fl-aħħar tas-sena, ma ngħatatx ċertifikat tar-Royal Academy of Dance kif kien imwiegħed mill-konvenuta imma wieħed tal-akkademja tagħha stess. Għaldaqstant, talbet ir-rifużjoni tal-ispejjeż illi hija nefqet fil-kors illi kienet ħadet bintha, jiġifieri erba' mija u tlieta u għoxrin euro 50 ċenteżmu (€ 423.50).

Ra r-risposta tal-konvenuta illi fiha ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-attriċi, stqarret illi "(h)uwa nsult lill-integrità artistika tiegħi illi nagħti ċertifikati ta' l-R.A.D. kif ġieb u laħaq, hekk kif iridu l-ġenituri ! Fiż-żmien meta dawn l-istudenti kienu qed jattendu, kellu bżonn ikun hemm ċertu training qabel ma' l-istudenti jingħataw iċ-ċertifikati bħalma qed jitolbu." Hija spjegat illi l-istudenti setgħu jkollhom iċ-ċertifikati li jridu meta jkunu ppreparati u ma kienet tat l-ebda wegħda fir-rigward taċ-ċertifikat tal-R.A.D. Stqarret illi hija offriet l-għodda kollha biex l-istudenti jimxu 'l quddiem imma rrikonoxxiet illi jista' jingħata rimedju limitatament għall-ispejjeż tal-eżami bħala ġest ta' buona volontà.

Ra illi t-Tribunal ordna s-smiegħ ta' dina l-kawża flimkien mal-proċeduri numru G7/2012 u G9/2012.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ra illi fil-kors tal-proċeduri, l-attriċi rriduċiet it-talba tagħha għal mitejn u wieħed u tmenin euro 50 ċenteżmu (€ 281.50).

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Ikkunsidra.

Illi l-pern ta' din il-kwistjoni hija jekk il-ġenituri tal-istudenti f'dina l-iskola taż-żfin ingħatawx l-assikurazzjoni qabel ma' l-istudenti ġew iskritti fil-kors mogħti mill-konvenuta illi ser jingħataw ċertifikat maħruġ mir-Royal Academy of Dance jew le jekk ilestu l-kors b'suċċess. Il-konvenuta qiegħda tiċħad illi tat tali assikurazzjoni imma l-attriċi ikkonfermat illi Louise Muscat kienet ipproduċiet iċ-ċertifikati tal-RAD illi kienet uriet lill-konvenuta qabel ma kitbet lil bintha fil-kors fl-iskola tal-konvenuta.

Illi l-konvenuta ma ġabet l-ebda prova in sostenn ta' dak illi qed tgħid minkejja illi t-teżi tagħha hija plawsibbli mentri t-teżi tal-attriċi ġiet ikkonfortata mill-atturi tal-proċeduri l-oħra illi qed jinstemgħu kontestwalment. Illi huwa ukoll ferm verosimili illi ġenituri jippretendu illi r-rikonoxximent illi jingħataw uliedhom fit-tmiem tal-kors li jsegwu jkun wieħed utli u m'hux efimeru.

Illi madankollu t-Tribunal ma jidhirlux illi jeżistu l-estremi għall-riżarċiment totali ta' l-ispejjeż inkorsi mill-attriċi stante illi binha effetivament segwa l-kors u ma saret l-ebda allegazzjoni illi tali edukazzjoni ma kienetx adekwata. L-ilment kien jiċċentra dwar ir-rikonoxximent taċ-ċertifikat illi ngħata fit-tmiem il-kors kif intqal u l-iskop ta' kwalunkwe edukazzjoni m'għandhux ikun biss l-otteniment ta' rikonoxximent imma pjuttost il-formazzjoni kulturali u akademika ta' l-istudent.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal arbitrio boni viri qed jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' mitejn euro (€ 200).

Bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet u bl-imgħax mid-data odjerna sad-data tal-ħlas.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

⊖ kelma mħassra u sostitwita bil-kelma "Carmen".